esplora®

# PROGRAMM EDUKATTIV 2025-2026

## ESPLORA AĦSEB IMMAĠINA

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

XJENZA MALTA







B’TIFKIRA TA’

# JENNY BORG

## 1965–2025

Il-Programm Edukattiv ta’ din is-sena huwa ddedikat bi mħabba lil Jenny, l-għażiża kollega tagħna, u Bookings Officer.

*Jenny kellha preżenza dħulija u ta’ merħba f’Esplora - dejjem lesta bi tbissima, b’kelma ta’ parir, u passjoni ġenwina biex kull żjara ssir bla xkiel. Il-ġenwinità u d-dedikazzjoni tagħha missew il-ħajja ta’ għadd kbir ta’ edukaturi, studenti u membri tal-istaff.*

In-nuqqas tagħha se jinħass immens u se tibqa’ mfakkra f’qalbna.

# IL-WERREJ

4 Ippjana ż-Żjara Tiegħek

6 Agħżel l-Esperjenza Tiegħek ta' Esplora

8 Il-Kalendarju tal-Attivitajiet

10 Minn Kinder sal-Ewwel Sena

12 It-Tieni u t-Tielet Sena

14 Ir-Raba', il-Ħames u s-Sitt Sena

16 Is-Seba' sal-Ħdax-il Sena

18 Esperjenza Live fil-Planetarium

20 Films tal-Planetarium

24 Santa's STEAM Factory

26 STEAM Unlocked - Programm ta' Esplora Escape Games

28 KurzitàJiem

32 Workshops ta' CPD għall-Edukaturi

34 Informazzjoni għall-Edukaturi

36 EsploraShop

38 Il-Kollaboraturi Tagħna

# INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻJARA

Hawnhekk hawn dak kollu li għandek bżonn tkun taf qabel ma tibbukkja żjara edukattiva fiċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza Esplora.

## KIF TIBBUKKJA

Għall-ibbukkjar ta' skejjel, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq **bookings@esplora.org.mt** jew ċemplilna fuq **2360 2299.**

Żur is-sit elettroniku ta' Esplora u ara t-Termini u Kundizzjonijiet tal-Gruppi tal-Iskejjel

**Il-prezzijiet tal-biljetti jistgħu jvarjaw għal attivitajiet u avvenimenti speċjali.*

Termini u Kundizzjonijiet tal-Gruppi tal-Iskejjel

## FIEX TIKKONSISTI ŻJARA EDUKATTIVA?

Il-grupp tiegħek se jingħata:

- Esperjenza b'rotta fil-galleriji tagħna
- Attivitajiet

### MINN KINDER SAL-EWWEL SENA (KG1-YR1)

- Wirja ta' Xjenza Interattiva
- Workshop ta' Rakkuntar ta' Stejjer
- Show tal-Pupazzi
- Workshop Prattiku
- Waqfa ta' 30 minuta għall-ikel ta' nofsinhar
- Attività ta' Esplorazzjoni jew free-play

### MIT-TIENI SENA SAL-ĦDAX-IL SENA (YR2-YR11)

- Wirja ta' Xjenza Interattiva
- Workshop Prattiku
- Film tal-Planetarium
- Wirja Diretta tal-Planetarium
- Waqfa ta' 30 minuta għall-ikel ta' nofsinhar
- Attività ta' Esplorazzjoni

# ĦINIJIET TAL-FTUĦ

## SETTEMBRU 2025 SA ĠUNJU 2026

**MIFTUĦIN KULL NHAR TA' TNEJN UKOLL!**

MIT-TNEJN SAL-ĠIMGĦA

**9AM - 3PM**

IS-SIBT, IL-ĦADD U FESTI PUBBLIĊI

**10AM - 5PM**

### TRASPORT B'XEJN

L-iskejjel tal-Istat jistgħu jibbenefikaw minn trasport b'xejn lejn Esplora, grazzi għall-appoġġ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Jekk jogħġbok ikkuntattja lill-uffiċċju tal-ibbukkjar tagħna għal aktar informazzjoni.





# L-ESPERJENZA TIEGĦEK TA' ESPLORA - IL-GALLERIJI TAGĦNA

## Little Esploras Experience - Kinder 1 sal-Ewwel Sena



House & Garden



Ball Factory

## Mit-Tieni Sena sal-Ħdax-il Sena



Motion



Electricity



Optics




Human Body



Engineering & Telecommunications



Media Studio



Nature of Matter



Illusions


Outdoor Playscape


Racetrack


Aurora

**+ ATTIVITÀ TAL-GĦAŻLA TIEGĦEK**


Eco-Life


Earth


Dive-In


Universe


Musical Mysteries


Living-in-Space

**+ ATTIVITÀ TAL-GĦAŻLA TIEGĦEK**

# IL-KALENDARJU TAL-ATTIVITAJIET

| | OTTUBRU / NOVEMBRU | DIĊEMBRU | JANNAR |
|---|---|---|---|
| K1-YR1 | Play It Loud (NEW)<br>Minibeasts | Iċċekkja Santa's STEAM Factory f'paġna 24 | Beautiful Bubbles<br>Festa fir-Renju tar-Ramel (NEW) |
| YR 2-YR 3 | Beautiful Bubbles<br>Matata on Tour - Festa Edition (NEW) | Iċċekkja Santa's STEAM Factory f'paġna 24 | Sounds Amazing<br>A Six-Legged Venture |
| YR 4-YR 6 | Power Up!<br>Arti-Coding | Iċċekkja Santa's STEAM Factory f'paġna 24 | Qatra Qatra (NEW)<br>Digit Diggers (NEW) |
| YR 7-YR 11 | Power Up!<br>Bridge Builders | Iċċekkja Santa's STEAM Factory f'paġna 24 | Qatra Qatra (NEW)<br>AstroMaterials Lab |
| YR 2-YR 11 | Chasing The Moon Planetarium Live Experience (NEW) | Iċċekkja Santa's STEAM Factory f'paġna 24 | Worlds Beyond Planetarium Live Experience (NEW) |

**FILMS TAL-PLANETARIUM**
Iċċekkja paġna 20 għal għażla ta' films offruti

| FRAR | MARZU | APRIL | MEJJU | ĠUNJU |
|---|---|---|---|---|
| Beautiful Bubbles | | Amazing Wildlife Stories Puppet Show | | |
| Festa fir-Renju tar-Ramel (NEW) | | Dalma fil-Laguna (NEW) | | |
| Sounds Amazing | | Dino Doom (NEW) | | |
| A Six-Legged Venture | | Colour Splash (NEW) | | |
| Qatra Qatra (NEW) | | Bugs on the Brink (NEW) | | |
| Digit Diggers (NEW) | | Climate Conundrum | | |
| Qatra Qatra (NEW) | | Bugs on the Brink (NEW) | | |
| AstroMaterials Lab | | The Fast & The Physics (NEW) | | |
| Worlds Beyond Planetarium Live Experience (NEW) | | Colours of the Cosmos Planetarium Live Experience (NEW) | | |

# MINN KINDER SAL-EWWEL SENA

## DETTALJI TAL-ATTIVITAJIET

WORKSHOP TA' RAKKUNTAR TA' STEJJER
WIRJA TA' XJENZA INTERATTIVA
WORKSHOP PRATTIKU
SHOW TAL-PUPAZZI

### PLAY IT LOUD! NEW

30 | 25

Ħabbat, ċekċek u ilgħab f'din il-wirja tax-xjenza divertenti u vivaċi. Din tinvolvi l-mużika, il-movimenti tal-ġisem u strumenti mużikali biex jiġi esplorat il-ħoss permezz tal-logħob. B'ħafna ċapċip, taħbit u żfin, l-esploraturi ċkejknin tagħna se jiskopru kif ħoss huwa magħmul u kif jinstema'!

### BUŻŻIEQA TAS-SAPUN

30 | 25

Kulħadd iħobbha l-wirja tal-bżieżaq tas-sapun tal-Esplora! Hija l-unika wirja li tibqa' tintwera sena wara sena. X'se tesperjenza llum? X'tip ta' bżieżaq għandna nagħmlu? Ingħaqad magħna għal din il-wirja speċjali hekk kif nesploraw minn xiex inhuma magħmulin il-bżieżaq, x'forom jista' jkollhom, u kif jista' jirnexxilna nżommu bużżieqa tas-sapun f'idejna!

### AMAZING WILDLIFE STORIES

30 | 25

Ingħaqad magħna għal wirja tal-pupazzi vivaċi fejn se tiltaqa' ma' annimali affaxxinanti minn madwar id-dinja! Mill-ġungli l-aktar rikki għall-oċeani l-aktar fondi, dawn il-karattri ta' annimali se jiggwidawk fuq fatti divertenti dwar id-djar u l-ħabitats tagħhom fis-selvaġġ.

### MINIBEASTS

30 | 25

Skopri d-dinja affaxxinanti tal-minibeasts! Il-parteċipanti se jesploraw ħabitats, jitgħallmu dwar ir-rwoli ambjentali ta' kreaturi żgħar, u jieħdu gost b'attivitajiet prattiċi, puzzles, u logħob. Din l-avventura mimlija gost tinvolvi ħidma f'tim, is-soluzzjoni ta' problemi u apprezzament aktar profond għan-natura, filwaqt li tenfasizza l-benefiċċji tad-djar tal-kreaturi żgħar.



## FESTA FIR-RENJU TAR-RAMEL NEW
### *PARTY IN THE SANDY KINGDOM*

30 | 25

Wasal iż-żmien ta' festa fir-Renju tar-Ramel! Ingħaqad magħna għal sessjoni animata ta' rakkuntar ta' stejjer fejn se niżfnu, nilagħbu u ngħinu lill-ħbieb tal-bajja tagħna jippreparaw għall-aqwa festa li qatt saret. Bil-logħob, il-moviment u sorpriżi divertenti, din is-sessjoni hija perfetta għal studenti żgħar li huma lesti jiskopru dwar il-kreaturi tal-bajjiet Maltin.

## DALMA FIL-LAGUNA NEW
### *GLOOM IN THE LAGOON*

30 | 25

Lesti għal avventura taħt l-ilma hekk kif naqraw Dalma fil-Laguna? Din is-sessjoni interattiva ta' rakkuntar ta' stejjer tagħti l-ħajja lill-baħar permezz tal-moviment u l-immaġinazzjoni. Flimkien, se nesploraw l-ibħra Maltin u ngħinu lill-ħbieb tagħna kreaturi tal-baħar isolvu problema kbira fid-dar tagħhom fil-baħar.

| OTT | NOV | DIĊ | JAN | FRA | MAR | APR | MEJ | ĠUN |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Play It Loud | | Santa's STEAM Factory | Bużżieqa tas-Sapun | | | Amazing Wildlife Stories Puppet Show | | |
| Minibeasts | | | Festa fir-Renju tar-Ramel | | | Dalma fil-Laguna | | |



# IT-TIENI U T-TIELET SENA

## DETTALJI TAL-ATTIVITAJIET

WIRJA TA' XJENZA INTERATTIVA

WORKSHOP PRATTIKU

### BEAUTIFUL BUBBLES

60 | 60-90

Kulħadd iħobbha l-wirja tal-bżieżaq tas-sapun tal-Esplora! Hija l-unika wirja li tibqa' tintwera sena wara sena. X'se tesperjenza llum? X'tip ta' bżieżaq għandna nagħmlu? Ingħaqad magħna għal din il-wirja speċjali hekk kif nesploraw minn xiex inhuma magħmulin il-bżieżaq, x'forom jista' jkollhom, u kif jista' jirnexxilna nżommu bużżieqa tas-sapun f'idejna!

### DINO DOOM NEW

60 | 60-90

Skopri l-misteru ta' kif id-dinosawri sparixxew mill-pjaneta tagħna! Kienet meteorita enormi? Jew forsi żbroff vulkaniku kolossali? Permezz ta' serje ta' esperimenti eċitanti u dimostrazzjonijiet diretti, it-tfal se jesploraw it-teoriji differenti dwar l-estinzjoni tad-dinosawri u jiskopru x-xjenza li tagħti l-ħajja lil dawn l-avvenimenti tal-qedem.

### MATATA ON TOUR NEW FESTA EDITION

60 | 25

Ipprepara biex tikkowdja t-triq tiegħek fil-wirt għani tal-festi Maltin! Il-parteċipanti se jimbarkaw fuq vjaġġ eċitanti madwar il-gżejjer Maltin ma' Matata, ir-robot iddisinjat biex jintroduċi lit-tfal għal kunċetti sempliċi ta' kodifikazzjoni. Matata se jiggwidahom fl-istorja, fit-tradizzjonijiet u fin-natura ta' kull festa, u jgħaqqad sfidi ta' kodifikazzjoni ma' esplorazzjoni kulturali.

*Appoġġjat minn*

robocoach



## SOUNDS AMAZING

60 | 60-90

X'inhu l-ħoss? Kif nistgħu nisimgħuh u kif nistgħu nbiddluh? Esplora l-misteri mużikali tal-istrumenti f'Sounds Amazing! Skopri kif jaħdmu, kif il-ħoss jiġi prodott u mibdul, u kif jivvjaġġa lejn widnejna. Tgħallem modi kif tista' toħloq l-istrumenti tiegħek stess f'din il-wirja tax-xjenza divertenti u interattiva.

## A SIX-LEGGED VENTURE

60 | 25

Fir-rebbiegħa, ingħaqad ma' Munchy, Melita u Flutter fuq vjaġġ interattiv, impenjattiv u avventuruż lejn l-irdumijiet aridi ta' Ta' Ċenċ. L-insetti jaffaċjaw attakki predatorji kontinwi u l-isfidi ħorox tat-tibdil fil-klima. F'dan il-workshop skopri l-adattabbiltà kbira tal-insetti fil-konkwista tad-dinja, diffiċli kemm hi diffiċli għalihom.

## COLOUR SPLASH NEW

60 | 25

Idħol fid-dinja tal-kuluri f'dan il-workshop vibranti u prattiku! Il-parteċipanti se jesploraw kif il-kuluri jitħalltu, jaqblu u jikkuntrastaw permezz ta' logħob eċitanti, sfidi kreattivi u esperimenti divertenti. B'modi diversi, il-parteċipanti se jiskopru t-teorija tal-kulur fl-azzjoni, bħalma jagħmlu l-artisti u x-xjenzati!

<table>
<tr><th>OTT</th><th>NOV</th><th>DIĊ</th><th>JAN</th><th>FRA</th><th>MAR</th><th>APR</th><th>MEJ</th><th>ĠUN</th></tr>
<tr><td colspan="2">Bużżieqa tas-Sapun</td><td rowspan="2">Santa's STEAM Factory</td><td colspan="3">Sounds Amazing</td><td colspan="3">Dino Doom</td></tr>
<tr><td colspan="2">Matata On Tour</td><td colspan="3">A Six-Legged Venture</td><td colspan="3">Colour Splash</td></tr>
</table>

# IR-RABA', IL-ĦAMES U S-SITT SENA

## DETTALJI TAL-ATTIVITAJIET

WIRJA TA' XJENZA INTERATTIVA

WORKSHOP PRATTIKU

### POWER UP!

60 · 90

Kif jiċċaqlaq ġisimna? Minn fejn inġibuha l-enerġija tagħna? Skopri kif nistgħu nagħtu s-setgħa lil ġisimna biex jgħinna nagħmlu kull moviment - miż-żfin sal-qbiż u l-ġiri. B'dak kollu li se titgħallem, se tkun tista' tgħin lill-atleta tagħna jirbaħ midalja tad-deheb bil-qawwa tax-xjenza?

### BUGS ON THE BRINK

NEW

60 · 90

Int forsi taħseb li ċerti ħlejjaq żgħar bħall-insetti huma diżgustanti, imma kont taf kemm huma importanti għall-pjaneta tagħna? Ingħaqad magħna hekk kif nesploraw id-dinja tal-artropodi u nitgħallmu dwar il-familji differenti f'dan ir-renju. Kif nistgħu nidentifikawhom u kif it-tibdil fil-klima qiegħed jaffettwa l-abitati naturali tagħhom?

***B'kollaborazzjoni ma'***

L-Università ta' Malta

### DIGIT DIGGERS

NEW

60 · 25

Ingħaqad ma' tim ta' paleontologi żgħażagħ hekk kif jikxfu footprints ta' dinosawru li jistgħu jiżvelaw sigrieti inkredibbli dwar dawn il-kreaturi tal-qedem. Billi janalizzaw u josservaw dawn il-passi, il-parteċipanti se jgħaqqdu flimkien l-istorja tad-dinosawri - jitgħallmu kif imxew, kemm kienu kbar, u anke x'kielu!

## QATRA QATRA NEW

60 | 90

L-ilma huwa essenzjali għalina! Iżda minn fejn jiġi? Se nkunu qed insegwu qatra waħda ta' ilma tul il-vjaġġ tagħha minn sħaba sal-vit tal-ilma u lura. Matul il-vjaġġ, se nesploraw iċ-ċiklu tal-ilma u nsiru nafu kif il-Maltin użaw ix-xjenza biex jiġbru, jaħżnu u jipproteġu l-ilma.

***B'kollaborazzjoni ma'***

THE ENERGY & WATER AGENCY

## ARTI-CODING

60 | 25

Involvi ruħek f'taħlita affaxxinanti ta' xjenza, arti, kodifikazzjoni u matematika. F'dan il-workshop, il-parteċipanti se jkunu jistgħu jesploraw id-dinja kumplessa tal-ġeometrija, bl-użu ta' kodifikazzjoni mingħajr skrin biex joħolqu u jimmanipulaw il-forom. Ir-robots tat-tpinġija tagħna se jgħinuk tesprimi l-kreattività tiegħek!

***Appoġġjat minn***

robocoach

## CLIMATE CONUNDRUM

60 | 25

Ingħaqad magħna għal workshop dwar it-tibdil fil-klima u misteru ta' qtil! Min hu responsabbli għall-kriżi klimatika? U x'nistgħu nagħmlu biex ngħinu? Matul Climate Conundrum, se nidħlu fl-istorja tat-tibdil fil-klima, ninvestigaw l-impatt tal-lum u nesploraw soluzzjonijiet prattiċi għal futur sostenibbli.

| OTT | NOV | DIĊ | JAN | FRA | MAR | APR | MEJ | ĠUN |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Power Up! | | Santa's STEAM Factory | Qatra Qatra | | | Bugs on the Brink | | |
| Arti-Coding | | | Digit Diggers | | | Climate Conundrum | | |

# IS-SEBA' SAL-ĦDAX-IL SENA

## DETTALJI TAL-ATTIVITAJIET

WIRJA TA' XJENZA INTERATTIVA

WORKSHOP PRATTIKU

### POWER UP!

60 · 90

Kif jiċċaqlaq ġisimna? Minn fejn inġibuha l-enerġija tagħna? Skopri kif nistgħu nagħtu s-setgħa lil ġisimna biex jgħinna nagħmlu kull moviment - miż-żfin sal-qbiż u l-ġiri. B'dak kollu li se titgħallem, se tkun tista' tgħin lill-atleta tagħna jirbaħ midalja tad-deheb bil-qawwa tax-xjenza?

### BUGS ON THE BRINK NEW

60 · 90

Int forsi taħseb li ċerti ħlejjaq żgħar bħall-insetti huma diżgustanti, imma kont taf kemm huma importanti għall-pjaneta tagħna? Ingħaqad magħna hekk kif nesploraw id-dinja tal-artropodi u nitgħallmu dwar il-familji differenti f'dan ir-renju. Kif nistgħu nidentifikawhom u kif it-tibdil fil-klima qiegħed jaffettwa l-abitati naturali tagħhom?

***B'kollaborazzjoni ma'***

L-Università ta' Malta

### ASTROMATERIALS LAB

60 · 25

F'dan il-workshop prattiku, diversi materjali se jiġu analizzati u ttestjati biex jiġi ddeterminat liema minnhom huwa l-aktar ideali għall-kostruzzjoni tal-inġenji spazjali. Mill-manjetiżmu sal-piż, il-konduttività u l-insulazzjoni, l-istudenti se jitgħallmu kif kull waħda minn dawn il-proprjetajiet għandha rwol kruċjali fl-inġinerija ajruspazjali, hekk kif isegwu l-passi ta' investigazzjoni xjentifika.

## QATRA QATRA NEW

60 · 90

L-ilma huwa essenzjali għalina! Iżda minn fejn jiġi? Se nkunu qed insegwu qatra waħda ta' ilma tul il-vjaġġ tagħha minn sħaba sal-vit tal-ilma u lura. Matul il-vjaġġ, se nesploraw iċ-ċiklu tal-ilma u nsiru nafu kif il-Maltin użaw ix-xjenza biex jiġbru, jaħżnu u jipproteġu l-ilma.

***B'kollaborazzjoni ma'***

THE ENERGY & WATER AGENCY

## BRIDGE BUILDERS

60 · 25

Imfassal għall-inġiniera futuri u l-imħuħ kurjużi kollha, dan il-workshop se jesplora xi jfisser li jinbnew dawn l-istrutturi impressjonanti li kapaċi jkopru distanzi kbar u jifilħu piżijiet enormi. Ispirati minn eżempji tal-ħajja reali, l-istudenti se jkollhom l-opportunità li jibnu pont u japplikaw il-prinċipji tal-fiżika u l-arkitettura.

## THE FAST & THE PHYSICS NEW

60 · 25

It-tlielaq tal-Formula 1 mhumiex biss dwar il-veloċità; huma dimostrazzjoni ta' xjenza avvanzata u disinn intelliġenti tas-sikurezza. Bl-għarfien tajjeb tal-fiżika u l-inġinerija, is-sewwieqa tal-karozzi tat-tlielaq jistgħu jilħqu veloċitajiet għoljin filwaqt li jibqgħu sikuri. Esplora l-fiżika tal-moviment u tal-enerġija billi tibni karozzi bil-K'nex biex tipproteġi lill-passiġġier, bajda nejja, f'simulazzjoni ta' ħbit.

| OTT | NOV | DIĊ | JAN | FRA | MAR | APR | MEJ | ĠUN |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Power Up! | | Santa's STEAM Factory | Qatra Qatra | | | Bugs on the Brink | | |
| Bridge Builders | | | AstroMaterials Lab | | | The Fast & the Physics | | |

# ESPERJENZA LIVE FIL-PLANETARIUM

WIRJA DIRETTA TAL-PLANETARIUM

50

Wirja live tal-Planetarium hija esperjenza interattiva, immexxija minn preżentatur, li ssir ġewwa l-Planetarium ta' Esplora. Għall-kuntrarju ta' films tal-Planetarium irrekordjati minn qabel, li jsegwu skript u sekwenza viżwali fissi, il-wirjiet diretti huma esibiti f'ħin reali minn wieħed mill-komunikaturi tax-xjenza mħarrġa ta' Esplora bl-użu ta' viżwali dinamiċi.

Il-Komunikatur tax-Xjenza jista' jfassal il-wirja skont l-età, l-interessi u l-mistoqsijiet tal-udjenza, u b'hekk joħloq esperjenza aktar impenjattiva, flessibbli u konversazzjonali. Il-vjaġġi viżwali jistgħu jitwaqqfu, jiġu aġġustati jew estiżi kif meħtieġ, u b'hekk kull sessjoni ssir unika.

**Sistema ta' Loop tas-Smigħ**

Il-Planetarium ta' Esplora huwa mgħammar b'sistema ta' loop tas-smigħ għall-benefiċċju ta' nies li jagħmlu użu minn apparat ta' għajnuna tas-smigħ. L-utenti jkollhom jaqilbu l-apparat tal-għajnuna tas-smigħ tagħhom għall-mod Telecoil biex jibbenefikaw minn din is-sistema.

Is-Sistema ta' Assistenza għas-Smigħ hija aċċessibbli fir-ringieli 2 sa 5.





## CHASING THE MOON NEW

*ETÀ: YR 3-YR 11*

Kont taf li l-Qamar jidher li huwa "bil-kontra" fl-emisfera tan-Nofsinhar? Jew li frammenti tal-pjaneta ċelestjali ġara tagħna jistgħu jinżlu fuq l-art? Skopri x-xjenza dwar il-fażijiet tal-Qamar, kif jiġu ffurmati l-ħofor, u irkeb fuq vjaġġ biex tesplora wħud mill-aktar qmura mhux tas-soltu fis-Sistema Solari tagħna.

## WORLDS BEYOND NEW

*ETÀ: YR 3-YR 11*

Idħol fid-dinja fejn l-immaġinazzjoni tal-bniedem tiltaqa' mal-possibbiltajiet bla limitu tal-Univers tagħna. Ikkumpara dinjiet fantastiċi mill-finzjoni tax-xjenza popolari mal-iskoperti tad-dinja reali, bħall-ewwel eżopjaneta li qatt instabet. Skopri t-tekniki l-aktar avvanzati użati biex jiġu identifikati dawn id-dinjiet imbiegħda u tgħallem kemm aħna qrib li nsibu d-Dinja 2.0.

## COLOURS OF THE COSMOS NEW

*ETÀ: YR 3-YR 11*

Mill-kulur aħdar affaxxinanti tal-awrora boreali għall-aħmar qawwi ta' stilel ġganti, il-Kożmos tagħna miżgħud bil-kuluri. Skopri x'jikxef il-kulur ta' stilla dwar il-proprjetajiet tagħha; tgħallem x'jikkawża d-dwal tat-Tramuntana jleqqu; u affaxxina ruħek b'ġabra stellari impressjonanti u b'nebula kolossali fejn jitwieldu stilel ġodda.

| OTT | NOV | DIĊ | JAN | FRA | MAR | APR | MEJ | ĠUN |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Chasing The Moon | | Santa's STEAM Factory | Worlds Beyond | | | Colours of the Cosmos | | |

# FILMS TAL-PLANETARIUM

FILM TAL-PLANETARIUM 50

## COSMIX

*ETÀ: YR 2-YR 6*

Qatt ħsibt xi jfisser li tkun astronawta? X'hemm bżonn biex issir hekk? Wara li tara Cosmix, tkun preparat għal dan!

## ACCIDENTAL ASTRONAUTS

*ETÀ: YR 2-YR 6*

Segwi l-avventuri ta' Cy u Annie, flimkien mal-kelb tagħhom Armstrong, hekk kif imorru fuq vjaġġ mhux mistenni fl-ispazju.

## LEGENDS OF THE NIGHT SKY: PERSEUS AND ANDROMEDA

*ETÀ: YR 2-YR 6*

Perseus u Andromeda huwa rakkont mimli gost tal-ħrafa tal-prinċipessa sabiħa iżda sfortunata, Andromeda, li wara li tiġi sagrifikata lil mostru tal-baħar bħala forma ta' kastig divin għall-ftaħir ta' ommha, tiġi salvata mill-eroj Grieg, Perseus.

## PERFECT LITTLE PLANET

*ETÀ: YR 2-YR 6*

Skopri s-Sistema Solari tagħna minn għajnejn differenti - dawk ta' familja minn sistema oħra ta' stilel li tfittex il-post perfett għall-vaganzi. Liema destinazzjoni tagħżel int?

## MAGIC GLOBE

*ETÀ: YR 2-YR 8*

Waqt vaganza għand in-nannu tagħha, tifla żgħira, Mia, tiskopri biċċa makkinarju astronomiku. Edek, iz-ziju eċċentriku ta' Mia, iħajjar lit-tifla tuża s-setgħat sigrieti tal-makkinarju biex tbiddel l-istaġuni tad-dinja.

## KITZ THE CAT'S SUPERMOON ADVENTURE NEW

*ETÀ: YR 2-YR 8*

Il-qtates baqgħu jgħixu u evolvew fi kreaturi intelliġenti. X'inhu? Ibbażat fil-futur fejn l-umanità m'għadhiex teżisti, Kitz u l-ħbieb tiegħu huma fuq missjoni biex inaddfu l-ħmieġ tal-ispazju. Stenn, tiġri xi ħaġa mhux mistennija u din il-missjoni tinbidel f'avventura Lunari.

## DINOSAURS: A STORY OF SURVIVAL

*ETÀ: YR 2-YR 8*

Ingħaqad ma' Celeste u Moon fuq vjaġġ ta' skoperta billi tivvjaġġa lura fiż-żmien meta d-dinosawri kienu fid-Dinja. Ara b'mod dirett kif xi speċijiet ta' dinosawri evitaw l-estinzjoni.

## CELL! CELL! CELL!

*ETÀ: YR 3-YR 11*

Ingħaqad ma' Raj u Sooki hekk kif jibdew vjaġġ "ċellakulari" fil-ġisem u skopri dwar iċ-ċelloli tagħna. P.S., Kull wieħed u waħda minna għandu 70 triljun minnhom!

## DREAM TO FLY

*ETÀ: YR 2-YR 11*

Skopri aktar dwar l-ewwel ajruplan, il-ballun tal-arja sħuna, u anke l-ewwel invenzjonijiet tal-ajru ta' Da Vinċi, permezz ta' dan il-film poetiku dwar l-istorja tal-avjazzjoni.

## MYSTERIES OF YOUR BRAIN NEW

*ETÀ: YR 6-YR 11*

Esplora l-moħħ uman permezz ta' din l-avventura animata u immersiva! Ingħaqad ma' tifla kurjuża flimkien maċ-ċawlun tagħha, hekk kif ser jivjaġġaw matul sensiela ta' nervituri, illużjonijiet, u dak kollu li jagħmel il-moħħ tagħna uniku.

## TO SPACE AND BACK

*ETÀ: YR 2-YR 11*

Mur fuq vjaġġ inkredibbli mill-Univers biex tiskopri kif l-inġenwità, l-inġinerija u t-teknoloġija tal-bniedem użati fl-industrija Spazjali wittew it-triq għall-apparati u l-applikazzjonijiet li nużaw kuljum.

## FROM EARTH TO THE UNIVERSE

*ETÀ: YR 2-YR 11*

Ara l-kobor tal-Univers, u tgħallem aktar dwar il-post tar-razza umana fil-Kożmos, f'dan id-dokumentarju mill-Osservatorju Spazjali Ewropew.

## TWO SMALL PIECES OF GLASS

*ETÀ: YR 2-YR 11*

L-iżvilupp tat-teleskopju għenna nifhmu postna fl-Ispazju. Skopri kif jaħdmu t-teleskopji u kif l-astronomi użawhom biex jiskrutinizzaw l-istrutturi fi ħdan il-Kożmos tagħna.





## WE ARE STARS

*ETÀ: YR 2-YR 11*

Għaqqad il-ħajja fid-Dinja mal-evoluzzjoni tal-Univers billi ssegwi l-formazzjoni ta' atomi tal-Idroġenu mas-sinteżi tal-Karbonju, u l-molekuli għal kwalunkwe forma ta' ħajja.

## THE DARK-MATTER MYSTERY

*ETÀ: YR 2-YR 11*

Il-Kożmos tagħna huwa ddominat minn forza mhux magħrufa? Ma nistgħux nidentifikawha jew inkejluha, u ma nistgħux inħossuha, iżda xorta nafu li qiegħda hemm. Ix-xjentisti jinsabu għaddejjin bit-tfittxija biex isolvu l-misteru tal-materja.

## THE SUN

*ETÀ: YR 2-YR 11*

Ilkoll kemm aħna nistgħu nħossu s-sħana tax-xemx fuq il-ġilda tagħna. Skopri s-sigrieti tas-sors ewlieni tad-dawl u l-enerġija tad-Dinja, u esperjenza immaġnijiet tal-wiċċ vjolenti tax-Xemx li qatt ma dehru qabel.

## EUROPE TO THE STARS

*ETÀ: YR 2-YR 11*

Skopri l-Osservatorju Ewropew tan-Nofsinhar fi storja ta' kurżità kożmika, kuraġġ u perseveranza: storja ta' osservazzjoni ta' Univers ta' misteri profondi u sigrieti moħbija; u storja ta' tfassil, bini u tħaddim tal-aktar teleskopji qawwija bbażati fuq l-art fuq il-pjaneta.

# SANTA'S STEAM FACTORY

## EDIZZJONI TAL-ISKOLA

WIRJA TA' XJENZA INTERATTIVA | WORKSHOP PRATTIKU | WIRJA LIVE TAL-PLANETARIUM

Din is-sena, f'Diċembru, Esplora se jinbidel fil-Fabbrika STEAM ta' Santa Klaws, fejn ix-xjenza, it-teknoloġija, l-arti, l-inġinerija u l-matematika jingħaqdu flimkien b'ferħ festiv! Mill-1 sad-19 ta' Diċembru, l-iskejjel jistgħu jgawdu minn workshops u wirjiet b'tema speċjali li jħalltu l-maġija tal-Milied mal-meravilja tax-xjenza.

### PLAY IT LOUD! CHRISTMAS EDITION

*OFFRUT LIL: KINDER 1-YR 1*

30 | 25

Ħabbat, ċekċek u doqq f'dan l-ispettaklu ferrieħi tax-xjenza b'tema tal-Milied! B'melodiji festivi, strumenti mużikali u ħafna moviment, l-esploraturi ċkejknin se jiskopru kif isir u jinstema' l-ħoss waqt li jiċċelebraw il-ħsejjes tal-istaġun.

### A MINIBEAST'S CHRISTMAS

*OFFRUT LIL: KINDER 1-YR 1*

30 | 25

Iltaqa' ma' xi ħbieb festivi żgħar hekk kif nesploraw id-dinja tal-insetti fix-xitwa! It-tfal se jżejnu d-djar tal-minibeasts b'laqta tal-Milied filwaqt li jitgħallmu dwar il-ħabitats, ix-xogħol f'tim u r-rwol tal-insetti fl-ambjent.

### SANTA'S SECRETS REVEALED

*OFFRUT LIL: YR 2-YR 11*

60 | 90

Il-Milied huwa maġiku jew xjentifiku? Ingħaqad magħna għal Santa's Secrets Revealed, spettaklu festiv mimli b'esperimenti spettakolari. Minn ħarba fiċ-ċmieni għal imnieħer jixegħlu u slitti li jaħdmu bir-rokits, skopri kif ix-xjenza tagħmel l-impossibbli f'din l-avventura tal-Milied memorabbli!

## SANTA ON TOUR

OFFRUT LIL: YR 2-YR 3

60 · 25

Għin lil Santa jqassam rigali madwar Malta u Għawdex billi tuża lil Matata, ir-robot tal-kodifikazzjoni dħuli tagħna! It-tfal se jużaw ħiliet bażiċi ta' kodifikazzjoni biex jinnavigaw l-isfidi festivi u jiżguraw li kull rigal jasal fil-ħin, filwaqt li jikkombinaw is-soluzzjoni tal-problemi mal-gost tal-vaganzi.

***Appoġġjat minn***

robocoach

## FESTIVE ARTI-CODING

OFFRUT LIL: YR 4-YR 6

60 · 25

Fil-Fabbrika STEM ta' Santa, anke l-karta tat-tgeżwir tiġi kkodifikata! It-tfal se joħolqu disinji festivi uniċi bl-użu tal-kodifikazzjoni u l-ġeometrija bir-robots tat-tpinġija mingħajr skrin tagħna. Taħlita perfetta ta' kreattività, matematika u teknoloġija biex issebbaħ l-istaġun tal-vaganzi.

***Appoġġjat minn***

robocoach

## SANTA IS LOST IN SPACE

OFFRUT LIL: YR 7-YR 11

30 · 50

Filwaqt li tkun f'shortcut orbitali, is-slitta ta' Santa tintlaqat minn fdalijiet spazjali, u minħabba f'hekk xi oġġetti importanti jintilfu. Fortunatament, l-istrumenti fuq l-istazzjon spazjali sabu anomaliji ġodda strambi mferrxin madwar is-Sistema Solari. Ingħaqad ma' Santa u l-astronomi fuq tfittxija biex issibuhom kollha u tikxfu l-misteri tal-qmura u l-pjaneti ġirien tagħna.

# UNLOCKING STEAM

Programm ĠDID ta' workshops interattivi f'forma t' Escape Games.

Escape Games hija sfida b'ritmu mgħaġġel ma' mejda, fejn il-parteċipanti jaħdmu flimkien biex isolvu serje ta' puzzles b'tema, jaqtgħu kodiċi u jsibu ħjiliet; dan kollu mingħajr ma jkunu fiżikament imsakkra f'kamra. Dawn l-esperjenzi prattiċi u ta' ħsieb, jikkombinaw is-soluzzjoni tal-problemi, il-ħidma f'tim u l-ħsieb kritiku ma' suġġetti STEAM tad-dinja reali. Kull logħba hija mfassla biex tqanqal il-kurżità, tapplika l-għarfien f'ambjent divertenti u tiżviluppa ħiliet tas-seklu 21 bħall-komunikazzjoni, il-kollaborazzjoni u r-reżiljenza.

**Dawn il-workshops huma offruti fuq bażi on-demand.**



## UNLOCKING AI

*ETÀ: YR 7-YR 11*

L-AI dan l-aħħar saret buzzword, kif ukoll għodda utli għal ħafna. Din il-logħba tat-tip escape tindirizza l-miti u l-kunċetti żbaljati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali billi tiddefinixxi x'inhi, x'inhi kapaċi tagħmel u kif tiġi applikata f'sitwazzjonijiet tal-ħajja reali.

## UNLOCKING PHARMA NEW

*ETÀ: YR 7-YR 11*

Logħba tat-tip escape dwar il-farmaċija! Fejn tista' twasslek karriera fil-farmaċija? Agħmel pass lil hinn mill-bank u skopri l-ħafna rwoli eċitanti fid-dinja tal-farmaċija - mir-riċerka sal-laboratorji sar-regolamentazzjoni. Solvi puzzles, aqta' kodiċi u esplora kif l-ispiżjara huma involuti biex iġibu mediċina sikura fil-farmaċija lokali tiegħek b'aktar modi milli taħseb. B'dak kollu li għandek bżonn biex tiftaħ id-dinja tal-farmaċija, int lest għal din l-isfida?

***Appoġġjat minn***

MEDICINES AUTHORITY

ACADEMY FOR PATIENT CENTRED EXCELLENCE AND INNOVATION IN REGULATORY SCIENCES

## UNLOCKING CHEMISTRY NEW

*ETÀ: YR 7-YR 11*

Il-laboratorju tiegħek jinsab f'lockdown wara tifqigħa virali, u xjentist imlaħħaq, li x-xogħol tiegħu kapaċi jelimina l-kaos kollu, intilef. F'din il-logħba tat-tip escape bit-tema tal-Kimika, l-istudenti se jkollhom jaħdmu flimkien biex isolvu puzzles u jirnexxilhom jiżvelaw l-informazzjoni kollha li għandhom bżonn, qabel ma jispiċċa l-ħin.

## UNLOCKING CYBER SECURITY

*ETÀ: YR 7-YR 8*

Ġejna ħħekkjati! Ingħaqad ma' tim biex tgħin lil wieħed mill-komunikaturi tax-xjenza tagħna jwaqqaf lill-ħeker! F'dan il-workshop ispirat minn escape-room, il-parteċipanti jridu jsolvu serje ta' puzzles b'pinna u karta u jtellqu kontra l-arloġġ biex jiddominaw lill-ħeker, filwaqt li jesploraw ukoll il-punti bażiċi taċ-ċibersigurtà u kif tkun sigur online.

# WORKSHOPS SPEĊJALIZZATI

**Dawn il-workshops huma offruti fuq bażi on-demand.**

## CATCH THEM YOUNG

*ETÀ: YR 4-YR 6*

Int kurjuż u kreattiv? Tħobb issolvi l-problemi? Int affaxxinat bid-dinja ta' madwarek? Mela x-xjenza hija għalik! Iżda kif ikun xjenzat jew inġinier, u x'jeħtieġ biex issir wieħed? F'dan il-workshop, l-istudenti se jindagaw f'xi sterjotipi STEM u jiskopru l-ħiliet li l-professjonisti STEM jeħtieġu biex iwettqu x-xogħol prezzjuż tagħhom.

## LET'S SCI-COMM. NEW

*ETÀ: YR 7-YR 11*

Għandek storja xi tgħid? Kurjuż dwar kif taqsam ix-xjenza tiegħek b'mod divertenti u impenjattiv? F'dan il-workshop, se tiskopri s-sigrieti wara komunikazzjoni xjentifika qawwija, u titgħallem kif tippreżenta l-ideat tiegħek b'kunfidenza, kreattività u b'laqta ta' spettaklu!

## SCIENCE WITHOUT BORDERS NEW

*ETÀ: YR 7-YR 11*

X'inhi x-xjenza? Kif issir u min jista' jkun xjenzat? Ix-xjenza ssawwar il-ħajja tagħna ta' kuljum u l-għażliet li nagħmlu. F'dan il-workshop, se nesploraw dak li nafu dwar ix-xjenza, niskopru għodod biex nitgħallmu aktar u niddiskutu għaliex il-litteriżmu xjentifiku huwa importanti fid-dinja tal-lum.

## STI AWARENESS

*ETÀ: YR 9-YR 11*

Konxju tal-aktar infezzjonijiet komuni trażmessi sesswalment (STIs)? Kif nirrikonoxxuhom? X'inhuma xi kunċetti żbaljati tipiċi? Il-workshop jieħu l-forma ta' diskussjoni interattiva biex titqajjem kuxjenza dwar infezzjonijiet differenti trażmessi sesswalment, u juri kemm jistgħu jinfirxu faċilment l-STIs.



# KURŻITÀJIEM

## FEJN IL-KURŻITÀ TILTAQA' MA' STEAM

## MIS-26 TA' JANNAR SAL-1 TA' FRAR 2026

YEAR 4-YEAR 8

Il-kurżità hija x-xrara li tqanqal it-tagħlim u matul l-avveniment KurżitàJiem, nittrasformaw dik ix-xrara f'ċelebrazzjoni eċitanti tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija, l-Arti, u l-Matematika (STEAM) matul il-fiera tal-Karrieri STEAM li jorganizza ċ-Ċentru Interattiv tal-Esplora.

Wara s-suċċessi tas-snin ta' qabel, l-avveniment KurżitàJiem jirritorna b'lenti ġdida fuq il-kreattività u l-innovazzjoni permezz ta' STEAM. Il-viżitaturi jistgħu jiltaqgħu ma' professjonisti mid-dinja tax-xogħol, jipparteċipaw f'attivitajiet hands-on, u jiskopru dwar xi wħud mill-aktar riċerki u industriji interessanti ta' Malta.

### GĦALL-ISKEJJEL

L-istudenti mir-Raba' sat-Tmien Sena, huma mistiedna matul il-ġimgħa (26-30 ta' Jannar) għal esplorazzjoni interattiva dwar karrieri tal-futur kif ukoll għal ħsieb kreattiv STEAM. Din hija opportunità unika sabiex jiltaqgħu mill-qrib ma' riċerkaturi, inġiniera, professjonisti mill-qasam tas-saħħa, artisti, teknoloġisti, u ħafna aktar.

### GĦALL-FAMILJI

Fi tmiem il-ġimgħa ta' bejn (il-31 ta' Jannar u l-1 ta' Frar), KurżitàJiem se jiftaħ il-bibien tiegħu għall-pubbliku ġenerali b'esperjenzi addattati għall-familji, dimostrazzjonijiet, kif ukoll inkontri speċjali ma' professjonisti STEAM. Inħeġġu l-iskejjel sabiex ixerrdu l-informazzjoni mal-istudenti u l-familji tagħhom.

**Il-kurżità tibda hawn. Ingħaqad magħna għal ġimgħa ta' tagħlim, skoperta, u ispirazzjoni. Ibbukkja l-grupp tal-iskola tiegħek illum!**



# WORKSHOPS TA' CPD GĦALL-EDUKATURI

Esplora joffri l-Programmi ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu li ġejjin. Kull programm huwa mfassal apposta biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-edukaturi rispettivi abbażi tal-gruppi ta' età.

*Meta? Fuq talba*
*Kif? Pakketti mfassla apposta bl-ikla ta' nofsinhar jew mingħajrha*
*Fejn? F'Esplora jew fl-Iskola tiegħek*

## SCIENCE STORIES

*RAKKUNTAR TA' STEJJER KREATTIVI GĦALL-EDUKATURI*

*GĦALL-EDUKATURI TAS-SNIN BIKRIN U SKOLA PRIMARJA*

Trasforma l-approċċ edukattiv tiegħek bi Stejjer tax-Xjenza. Dan il-programm jarma lill-parteċipanti b'tekniki innovattivi ta' rakkuntar ta' stejjer biex joħolqu narrattivi interattivi u interessanti. Huwa perfett għal udjenzi diversi, irawwem il-kreattività, l-inklużività u l-komunikazzjoni effettiva tax-xjenza, filwaqt li jarrikkixxi l-esperjenza tat-tagħlim għas-snin bikrija u l-istudenti tal-iskola primarja.

*Appoġġjat minn*

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

## EMOTIONAL LITERACY FOR TEENS: AN EDUCATOR'S WORKSHOP

*GĦALL-EDUKATURI TAL-ISKOLA MEDJA U SKOLA SEKONDARJA*

Għaliex ċerti sitwazzjonijiet jipproduċu emozzjonijiet differenti f'nies differenti? U kif li nifhmu dawn id-differenzi jista' jtejjeb l-empatija u l-fehim ta' xulxin? Dan il-workshop jinvolvi sensiela ta' eżerċizzji u diskussjonijiet, li se jgħinu lill-edukaturi u lill-istudenti jifhmu u jimmaniġġjaw aħjar l-emozzjonijiet tagħhom infushom. Se ninnavigaw l-isfond emozzjonali ta' dak li jkun u nindagaw fl-użu tal-lingwa, u kif il-kliem li nużaw jista' jfixkel jew itaffi l-espressjoni emozzjonali tagħna.



# INFORMAZZJONI GĦALL-EDUKATURI

## ŻJARAT GĦALL-EDUKATURI

Grupp ta' edukaturi jistgħu jibbukkjaw żjara f'Esplora, li se tkun iggwidata minn wieħed mill-membri tat-tim tagħna. Ikkuntattjana fuq bookings@esplora.org.mt jew ċemplilna fuq 2360 2299 għal aktar dettalji.

Għadd minimu ta' edukaturi għal kull grupp: Ħamsa (5)






## KARTA TA' SĦUBIJA ESKLUSSIVA GĦALL-EDUKATURI TAL-ESPLORA

Ibbenifika minn sena sħiħa ta' skoperta! Bil-Karta tal-Edukaturi, tista' tgawdi minn:

- Dħul bla limitu għall-Esplora
- Ma' adult ieħor + 2 itfal b'xejn kull żjara
- Aċċess għal avvenimenti speċjali u workshops

Dan huwa l-mod tagħna kif ngħidu "Grazzi" talli tispiraw l-imħuħ taż-żgħar. Applika llum mir-reception tal-Esplora u ħu vantaġġ miż-żjarat tiegħek! Żur is-sit elettroniku għal aktar informazzjoni.

Żur is-sit tagħna għal aktar informazzjoni.



## PROGRAMMI TA' TEAM BUILDING

Qed tfittex attività unika ta' teambuilding għat-tim tiegħek? Esplora għandu dak kollu li jista' jkollok bżonn biex tgħaqqad lit-tim tiegħek flimkien, bi sfidi mfassla biex itejbu l-ħiliet ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni, catering intern u breakout rooms.

Għandna pakketti divertenti immens li huma adattati għal:

- Attività ta' teambuilding għall-persunal tal-iskola;
- L-istudenti tal-11-il sena bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tat-tluq mill-iskola tagħhom;
- Gruppi oħra ta' studenti bħala parti minn programmi speċjali bħal live-ins, skambji eċċ.



# esplorashop

EsploraShop joffri għażla vasta ta' oġġetti eċitanti u edukattivi, li huma ideali għal dilettanti tax-xjenza ta' kull età. Għandna għażla kbira ta' kotba, u varjetà ta' kits tax-xjenza, li għalihom l-edukaturi kollha jistgħu jibbenefikaw minn ***skont ta' 10 %*** biex itejbu l-esperjenza tagħhom ta' tagħlim fil-klassi.

Dawn li ġejjin huma xi ditti offruti fl-EsploraShop

**L-offerti ma jistgħux jiġu mifdija flimkien ma' offerti oħra.**


esplorashop
DIGGERS
LOGIC BLOCKS
KNOWLEDGE BOOSTERS
STEAM
SCIENTIFIC DISCOVERY
CODING 101
SHARKS
ENVIRONMENTAL
Space
Dinosaur
KidzLabs
SOLAR POWER
FORENSIC SCIENCE LAB
MEDICAL SCIENCE
VOLCANOS OF THE WORLD
NATURAL HEALTH AND WELL-BEING
Cry Babies

# IL-KOLLABORATURI TAGĦNA


LIFE AT BIGHI





esplora®

PROGRAMM EDUKATTIV 2025-2026

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

XJENZA MALTA